Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 107/2018

Il-Pulizija

Spettur Johann J. Fenech

Vs

Joseph Bajada

Illum 30 ta' Gunju 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Bajada detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 31854G, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli f'dawn il-Gzejjer fit-2 ta' Lulju 2010 u matul il-gimghat ta' qabel din id-data:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorità moghtija mill-

President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta mal-imputat bhala wiehed li kiser kundizzjoni mposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, Mag. Dr. J. Padovani Grima LLD fit-12 ta' Dicembru 2008.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2014, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' l-provi mismugha f'din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-28 ta' Frar, 2018, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 17(b) u (h) tal-Kap. 9 u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet ghal piena ta' disa' (9) xhur prigunerija effettiva u multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jistghu jithallsu mill-hati f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u sebghin ewro (€75), b'ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

In oltre trattat mal-hati dwar ir-reati li huwa nstab hati taghhom permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti, kif preseduta mill-Magistrat Dr. J. Padovani Grima tat-12 ta' Dicembru 2008, daqs li kieku ghadu kemm gie ddikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti dwar dawk ir-reati u filwaqt illi ghal kull buon fini kkonfermat l-htija tieghu dwar l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u s-seba' imputazzjonijiet li taghhom instab hati permezz ta' dik is-sentenza, wara li rat l-Artikoli 23 tal-Kap. 446, l-Artikoli 17, 18, 49, 50, 84, 86, 261(a) u (b), 262, 263, 275, 277 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu ghall-piena ta' ghoxrin (20) xahar prigunerija effettiva.

B'kollox ghalhekk, il-hati gie kkundannat ghall-piena ta' disgha u ghoxrin (29) xahar prigunerija effettiva u multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200).

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-hati gie kkundannat ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti f'dawn il-proceduri ossia l-ispejjez konnessi mal-hatra tax-Xjenzat Godwin Sammut ammontanti ghas-somma ta' mija, sitta u hamsin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€156.88), liema somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien tliet xhur mil-lum.

Ordnat id-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument JF, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi proces-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Bajada, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Marzu, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn dwar il-fatti tat-2 ta' Lulju 2010 sabet li kien biss sharing u tirrevokaha ghall-kumplament u hekk tilliberah minn kull htija u piena u tittrattah biss ghall-kwistjoni tas-sharing u fi kwalunkwe kaz ghar-ragunijiet premessi tibdel il-piena inflitta anke b'referenza ghall-ksur tas-sentenza tat-12 ta' Dicembru 2008.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Joseph Bajada huma s-segwenti u cioe`:-

Jinghad mal-ewwel li d-difiza tattakka l-istqarrija guramentata ta' Piju Grech u ssostni inter alia illi Grech ma kienx kredibbli tant illi lanqas il-Magistrat Inkwirenti ma emmnu, apparti illi skont id-difiza, dan jirrizulta wkoll mit-traskrizzjoni per se tal-istess xhieda fejn ix-xhud jibda jlaqlaq meta jigi dahru mal-hajt. Ukoll skont id-difiza, l-iskop tax-xhieda ta' Grech kien illi jitfa' dell ikrah fuq l-imputat u dan kemm sabiex jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101, kif ukoll sabiex jisganca ruhu mis-sitwazzjoni li sab ruhu fiha. Id-difiza madankollu ma tikkontestax illi l-imputat kien fil-pussess tad-droga fil-jum in kwistjoni, tant illi ssostni illi l-imputat u Grech dakinhar xtraw id-droga flimkien, hargu l-flus ghaliha t-tnejn u marru biex jikkunsmawha flimkien u li ghalhekk ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tax-sharing u dan fis-sens illi kien hemm pussess ta' droga bejn zewg persuni. In oltre, skont id-difiza, jirrizulta mix-xhieda ta' Grech stess illi l-imputat kien jikkonsma kwantità konsiderevoli ta' eroina u ghalhekk ma jirrizultax fil-grad rikjest mil-ligi illi d-droga misjuba ma kinitx ghall-uzu personali tal-imputat.

**1. Kredibilità tax-xhud Piju Grech**. Il-Qorti stess tghid li ma kellhiex l-opportunità illi tezamina viva voce lix-xhud. Huwa principju bazilari tal-process kriminali illi l-konvinciment morali jrid jigi fil-Gudikant minn dawk ir-regoli li ffissat il-ligi. Fost dawn u bhala ta' importanza kbira hija l-imgieba tax-xhud fil-pedana tax-xhieda.

Il-Qorti kellha kwalunkwe opportunità illi tghajjat lix-xhud Piju Grech u tisimghu ghax fir-ricerka fil-verità xejn ma jista' jzomm lill-Qorti milli ttella' xhud illi jidhrilha mehtieg biex tifforma l-konvinciment taghha.

Fin-nuqqas ta' dan pero` il-Qorti ppruvat timla l-lakuni serji illi hemm fix-xhieda ta' Piju Grech u mhux hekk biss il-mod kif jipprova jahrab mir-responsabbiltà u jghaddiha fuq Joseph Bajada. Il-Magistrat Inkwirenti meta ghamillu investigazzjoni gabu in se illi kien hemm persuna ohra illi minghandha kien jixtri d-droga imma sa dak l-istadju ma riedx jikxef min hi kieku ma kienx bil-mistoqsijiet illi sarulu mill-Magistrat. Wiehed illi huwa kredibbli jrid ikun kredibbli l-hin kollu, bil-Latin jinghad *falsus in uno, falsus in omnibus*.

Id-difiza kienet qalet illi kien qieghed jaghmel minn kollox biex jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101. Ma kienx xi bniedem gdid ghad-droga Piju Grech u allura kien qieghed filfatt jagixxi b'konjizzjoni sewwa ta' xi tfisser ligi bhal dik. Sinjifikanti wkoll illi fl-inkjesta xehed illi hu kien akkwista bi tmenin jew mitt ewro eroina. Dan kien ifisser car u tond illi kien qieghed jakkwista l-ammont kollu tal-eroina illi nxtrat.

Meta mbaghad jigi biex jitkellem espressjoni qawwija li jghid hija jekk kienx se jispicca l-habs jew le. Dak kien l-inkwiet tieghu kif turi l-espressjoni tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti meta qal, "Mhux ghal gewwa jien, mhux ghall-habs!" Il-Qorti kkunsidratu bhala biza' imma filfatt kien qieghed jaghmel kalkoli

precizi halli jevita l-habs ghax it-traffikar igib il-habs. Anke l-espressjoni ta' wara turi l-makakkerija tieghu, "... li forsi ghidt xi zball li jista' jdur kontrija." Kien bezghan illi jinqabad, li ma kienx qed jghid il-verità, ghax jaf li l-giddieb jitfixkel u jinqabad.

Ghaldaqstant il-Qorti ma setghetx legalment tistrieh fuq ix-xhieda ta' Piju Grech. Il-process isir fl-awla u mhux fl-inkjesta fejn ma kienx prezenti l-imputat.

Issa mill-atti processwali jirrizulta illi Piju Grech fl-istorja li jghid kien komplici ma' Joseph Bajada fl-akkwist tad-droga. Dan filfatt taccetta wkoll l-istess Qorti illi qalet illi kienet sitwazzjoni ta' sharing fuq dak li gara f'April 2010.

Huwa maghruf illi fejn ikun hemm kwistjoni ta' komplici il-Qorti trid toqghod b'seba' ghajnejn biex ma taccettax il-verzjoni specjalment f'dan il-qasam tad-droga fejn hemm beneficcji u karrotta mdendla fejn min jghid l-istejjer fuq haddiehor u jfarfar minn fuq spallejh.

Skont il-verzjoni ta' Piju Grech, huma nizlu Malta mhux hu jiehu doza wahda ta' eroina meta hu kien juza d-droga ripetutament u li toqghod tinqala' minn Ghawdex bil-karozza tieghek, iggorr lil xi hadd mieghek u taghtih tmenin jew mitt ewro imbaghad tghid li m'intix komplici mieghu bl-Ingliz jghidu *it is far fetched*. Bl-Ghawdxi jghid *ma nofx*!

**2. Dwar traffikar qabel id-data.**

L-ewwel Onorabbli Qorti qalet illi m'hemmx prova ta' xi droga li fid-dati qabel il-gurnata msemmija fl-akkuza u cioe` fit-2 ta' Lulju 2010, x'kien, hux minnu jew le illi Joseph Bajada ikkonsenja xi droga. Piju Grech jghid illi ma kellha l-ebda effett fuqu. Il-prosekuzzjoni ma kellha l-ebda prova hlief il-kelma tieghu jekk kinitx droga jew le. Apparti d-dubji kollha naxxenti mill-Artiklu 29, ghandu

jinghad dan il-fatt illi r-ragunament tal-Qorti huwa zbaljat. Il-Qorti tghid illi r-reat jikkonsisti wkoll f'illi wiehed joffri li jipprovdi d-droga. Pero` jrid ikun qieghed joffri droga u mhux jipprometti li jiehu l-flus u mhux joffri xi haga ohra. Dawn huma fatti li graw f'kazijiet ohrajn. U d-droga tkun taf x'inhi biss meta wiehed filfatt jipruvaha. Jekk ma jippruvahiex ma jkunx jaf hijiex tajba jew effettivament le ghall-iskopijiet li tinxtara. "The proof of the pudding is in the eating," jghidu l-Inglizi.

Ir-ragunament tal-Qorti huwa zbaljat fuq l-istess principju li kien jghallem il-Carrara dwar "ir-reat impossibbli". Ezempju li kien jinghata huwa ta' li wiehed irid joqtol lill-kunjata u jhalltilha d-dqiq mal-kafe`. Minkejja li l-intenzjoni tieghu kienet illi joqtol lill-kunjata billi jhalltilha xi haga mal-kafe`, l-intenzjoni biss ma kinitx bizzejjed imma flok dqiq ghallinqas ried ihalltilha velenu. F'dan il-kaz ma jistax jghid illi wiehed baqa' biss fil-fazi tal-offerta. Piju Grech ma jghidx illi offrilu "imma li kkonsenjalu". Prova ta' li kkonsenjalu m'hemmx u naturalment minn kliem Piju stess hija dubjuza n-natura kimika tal-oggetti li gie kkonsenjat lilu mill-appellanti, jekk verament sar.

M'hemmx ghalfejn li wiehed jintilef fuq il-fatt illi *in dubio pro reo*.

**3. Pussess aggravat.**

L-ewwel Onorabbli Qorti illi emmnet lil Piju Grech prattikament f'kollox, hadet ukoll in konsiderazzjoni li Piju Grech hallas bejn tmenin u mitt ewro ghal gramma wahda droga filwaqt illi 6.5 grammi kellhom ikunu ghall-appellanti. Hawnhekk wiehed jasal biex jghid illi mhux biss huwa Piju Grech tqis li huwa kredibbli imma anke li hu bahnan. La kien jiehdu droga kif jirrizulta anke minn dak li qal quddiem il-Magistrat Inkwirenti, sinjal li kien jaf ukoll x'inhu l-prezz tas-suq tad-droga. Jekk kienu miftehmin li jixtru d-droga u hu hareg tmenin jew mitt ewro u gabu tmien grammi, kull gramma kienet tiswa ghaxar ewro jew

madwar. Allura dan il-fidil ta' Piju Grech johrog ghal gramma wahda tmenin ewro u l-iehor jiehu seba' grammi b'xejn.

Ir-raguni tghidlek illi jekk xtraw flimkien kienu qed ihalltu u jaqsmu flimkien u allura kull naha minnhom kienet qed tiehu x-share taghha.

Jekk kien qed jiehu kulhadd ix-share tieghu ta' tnejn min-nies illi kif tghid il-Qorti stess Piju Grech m'emmnux il-Magistrat Inkwirenti li kien qieghed jiehu droga biss rarament fil-gimgha, kellu bzonn certu konsum. Daqstant iehor kellu bzonn certu konsum l-appellanti illi kien fid-droga.

Illi jekk wiehed jaqsam dak l-ammont li kien baqa' wara li gie kkunsmat isib li bhala piz kellhom tliet grammi u ftit kull wiehed.

Ghalhekk hawnhekk wiehed joqghod attent meta jsemmi l-kwistjoni tal-komplicità ghaliex certament Piju Grech kien qed iwaddab fuq l-imputat ghaliex b'dak il-mod kien se jfarfar minn fuq spallejh. U precizament il-verb ifarfar huwa idoneju ghaliex it-trab tad-droga qieghed ifarfru minn fuqu ghal fuq l-appellanti.

Illi l-kalkolu li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti dwar kemm tkun doza eroina ma jidhirx illi fil-kaz partikolari kienet preciza. Jekk wiehed juza l-kejl ta' kemm hija doza u jqis illi Piju Grech u l-esponenti kkunsmaw doza ta' 0.46 grammi bejniethom, doza wahda tigi 0.23 gramma.

Fuq 6.5 grammi jgib illi kien hemm 28-30 doza. Jekk wiehed imbaghad jaqsam dak illi jghid is-sens komun illi min johrog il-flus irid jixtri u ghandu s-sehem tieghu ghallinqas jigi li bejniethom kienu qed jixtru ghal erbatax-il doza kull wiehed.

It-tnejn li huma jidher illi kienu mdahhlin fil-konsum tad-droga u konsegwentement mhuwiex inkompatibbli dak l-ammont.

Naturalment l-esponenti kellu jigi b'karozza ta' haddiehor gewwa Malta u t-tnejn kienu jafu ghalxiex gejjin u certament mhumiex se jinzlu Malta biex tinxtara gramma wahda li sservi ftit li xejn. Dan qieghed jinghad ghal dak li qal Piju Grech. Meta nies imorru xi mkien u apposta jivvjaggaw biex jixtru, jahznu kwantità biex ikun jigi haqq il-vjagg u l-problemi li jkunu hadu. Din ma kinitx xi delivery illi saret gewwa Ghawdex imma kellhom jigu ghaliha hawn Malta.

Ghalhekk jekk inzommu kont tac-cirkostanzi kollha m'hemmx prova univoka illi din id-droga kienet fi kwantitajiet eccessivi ghal Joseph Bajada u anke ghal Piju Grech jekk mhuwiex se jiehu wkoll it-titlu li kien l-iktar wiehed fidil illi johrog il-flus u jixtri d-droga bi prezz aktar mill-kokaina. Ghaldaqstant lanqas dan ir-reat ma kien sodisfacentement ippruvat.

U x'inhi l-kwantità li tiggarantixxi li ghall-uzu personali? Dan l-istess bhal xorb tal-whiskey jew tal-vodka. Hemm min imur jiehu grokk, imma hemm hafna ohrajn li jkollhom rashom mistrieh jekk f'idejhom ikollhom flixkun.

**4. Il-prova dwar il-ksur tas-sentenza tat-12 ta' Dicembru 2008 Ksur tal-Probation**

L-ewwel Onorabbli Qorti accettat bhala prova ta' identifikazzjoni ghas-sentenza in-numru tal-karta tal-identità ghax jaqblu.

Bir-rispett kollu, ghalkemm hemm gurisprudenza, il-ligi tehtieg prova li prova dokumentarja tigi ppruvata bil-metodi illi huma ammissibbli. Certi dokumenti huma res ipsa loquitur, pero` ghal hwejjeg ohra jkun hemm bzonn l-identifikazzjoni in open court. Dik l-identifikazzjoni ma jkunx hemm bzonn issir

billi persuna tigi maghzula minn fost nies ohrajn imma bizzejjed illi persuna tigi indikata. Dan il-precett tal-ligi ma sarx u l-gurisprudenza ma tistax taqleb il-ligi u titraskura dawk li huma garanziji procedurali.

Illi mbaghad meta wiehed jezamina s-sentenza jsib illi filfatt il-Qorti bhala fatt li rrizultalha ma kienx ta' serq imma ta' messa in scena u raggiri taht l-Artiklu 308 tal-Kodici Kriminali. Huwa maghruf illi l-Qorti meta ssib htija trid tghid ghal-liema fatt qed issib htija. Illi l-Qorti titkellem ukoll fuq l-ammont irizorju tal-istess.

Ghalkemm l-Avukat Generali ma kkwotax l-Artiklu 308 huwa possibbli ghall-Qorti illi tinzel mill-akkuzi li kien hemm ghall-akkuza involuta illi hija tat-truffa. Il-parti finali tas-sentenza tattalja perfettament mal-Artiklu 308.

Qed tigi kkwotat din mis-sentenza tat-12 ta' Dicembru 2008, "Illi mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni jirrizulta ppruvat sal-livell probatorju rikjest fil-kamp kriminali, illi l-imputati sabiex jiksbu gwadann finanzjarju kkrejaw messa in scena, irrectaw b'manjiera realistika rwol ta' membri tal-pulizija meta akkwistaw Lm60, Lm80 u $100 minghand iz-zewg korelanti Ganado u Ramadan."

Illi f'dan il-kwadru ghalhekk la l-Qorti l-fatt illi sabet kienet qed tiddikjara li qed issib htija fuqu kien l-Artiklu 308, imbaghad wiehed irid jara l-Artiklu 310 minhabba l-kwistjoni tal-valur. L-Artiklu 310(1)(c) jghid li meta l-ammont tal-hsara maghmula mill-hati ta' aktar minn €500, il-piena tkun ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn sitt xhur.

Ghaldaqstant il-piena applikabbli kellha tkun dik ta' sitt xhur. Dak huwa l-fatt konstatat mill-Qorti, ghalkemm il-Qorti ma kkwotatx l-Artiklu 308. Ir-riduzzjoni tal-piena ghal din ir-raguni biss ukoll ghandha tapplika f'dan il-kaz.

Pero` ta' min isemmi illi f'dik l-istess sentenza, il-Qorti minhabba t-tenwità tal-fatt tawlet sentenza sospiza ta' David Monsigneur. Minhabba r-reat prezenti wara tmien snin ta' proceduri, l-esponenti jigi kkundannat ghal ghoxrin xahar huwa certament apparti r-ragunijiet legali, ukoll ingustifikat.

**5. Rigward il-piena pekunjarja.**

Il-Qorti kienet beninja billi tordna l-hlas tal-multa fi kwalunkwe kaz b'rati ta' €75 fix-xahar. Pero` stabbiliet id-data minn meta jibdew jghaddu l-instalments. Huwa maghruf illi meta jkun hemm piena karcerarja u piena pekunjarja iz-zmien tal-hlas tal-multa jibda jghaddi minn meta tispicca l-piena karcerarja u ghalhekk fi kwalunkwe kaz dan ghandu jigi riformat.

**6. Talba taht l-Artiklu 8 tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Huwa manifest illi r-reati kommessi huma marbutin mad-droga illi Joseph Bajada kien waqa' fiha zmien ilu. Huwa filfatt illum ghandu 64 sena u qata' mid-droga kompletament.

Kwazi lanqas kien propens illi jaghmel l-ebda appell minhabba li ried jaghlaq il-kapitli kollha.

Jidhru r-ragunijiet manifesti ghala kellu jappella pero` jibqa' l-fatt illi llum bis-sentenza kostituzzjonali ta' Sammut, l-esponenti ghandu d-dritt anke fil-fazi tal-appell illi jigi ezaminat jekk ghandux jigi trattat jew ikkundannat u ghalhekk qed jaghmel din it-talba f'dan l-istadju.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-26 ta' Mejju, 2022 fejn fl-ewwel lok l-avukat difensur sostna li l-appellant m'ghandux jinstab hati tar-reati addebitati fil-konfront tieghu pero' f'kaz ta' htija ghamel referenza dwar il-piena ghar-rapport tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fejn il-Bord ikkonferma li l-appellant segwa care plan b'success u li huwa sodisfatt bil-process ta' rijabilitazzjoni tal-appellant. Semghet lill-Avukat Generali jsostni li l-appellant ghandu jinstab hati u dan ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn ma temminx ix-xhud principali u cioe lil Piju Grech stante li x-xhieda tieghu inghatat skond il-ligi. Dwar il-piena filwaqt li ukoll ghamel referenza ghar-rapport tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga rrimetta ruhu ghal piena f'idejn il-Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-appell tieghu l-appellant jistqarr li l-Qorti ma setghetx tistrieh fuq dak li qal Piju Grech u cioe li kien komplici mal-appellant fl-akkwist ta' droga. Jghid li l-ewwel Qorti kellha toqghod attenta meta giet biex taccetta verzjoni ta' komplici specjalment f'dan il-qasam ta' droga u dan qalu fir-rigward tal-kredibilita li din il-Qorti ghandha taghti lil dan ix-xhud Piju Grech. Fir-rigward tal-akkuza ta' traffikar jghid li peress li x-xhud stqarr li d-droga ma kellhiex effett fuqu allura dan ifisseer li mhux bil-fors li l-appellant ibiegh id-droga. Jghid li prova li effettivament l-appellant biegh id-droga fl-atti ma hemmx. Dwar ir-reat ta' pussess aggravat jghid li skond ix-xhieda ta' Piju Grech stess ghandu jirrizulta li kien hemm ir-reat ta' traffikar *by sharing* u mhux ir-reat ta' pusssess aggravat f'idejn l-appellant. Wara l-ahhar akkuza u cioe dwar il-ksur tas-sentenza tat-12 ta' Dicembru 2008 l-appellant jghid li l-prosekuzzjoni kellha ggib il-prova li kien l-appellant odjern li kellu jigi identifikat minn fost numru ta' persuni ohra fl-awla u mhux li jigi identifikat wahdu.

**Ikkunsidrat:**

Illi ghalhekk din il-Qorti rat li *in poche parole* l-aggravju tal-appellant hija wahda bazata fuq nuqqas ta' apprezzament ta' provi maghmula mill-ewwel Qorti.

Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza Ir-**<u>Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **<u>Ir-Repubblika ta' Malta</u>**
**<u>vs Domenic Briffa</u>**, 16 ta' Ottubru 2003; **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez</u>** u r-**<u>Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina</u>** 24 ta' April 2003, **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak</u>** 23 ta' Jannar 2003, **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed;</u>** **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs</u>**
**<u>Thomas sive Tommy Baldacchino</u>**, 7 ta' Marzu 2000, **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt</u>**, 1 ta' Dicembru 1994; u **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi</u>**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **<u>Il-Pulizija vs Andrew George Stone</u>**, 12 ta' Mejju 2004, **<u>Il-Pulizija vs Anthony Bartolo</u>**, 6 ta' Mejju 2004; **<u>Il-Pulizija vs Maurice Saliba</u>**, 30 ta' April 2004; **<u>Il-Pulizija vs Saviour Cutajar</u>**, 30 ta' Marzu 2004; **<u>Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et</u>**, 21 ta' Ottubru 1996; **<u>Il-Pulizija vs Raymond Psaila et</u>**, 12 ta' Mejju 1994; **<u>Il-Pulizija vs Simon Paris</u>**, 15 ta' Lulju 1996; **<u>Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace</u>**, 31 ta' Mejju 1991; **<u>Il-Pulizija vs Anthony Zammit</u>**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa</u>** ġie mistqarr li :

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju **<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina</u>** decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, **<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak</u>** deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, **<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed</u>** deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, **<u>ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino</u>** deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u **<u>r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt</u>** deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

*kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xhieda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha[2].

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence.

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak**, 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo,** 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar,** 30 ta' Marzu 2004; **l-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et,** 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et,** 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> *id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xhieda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xhieda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xhieda ta' xhud wieħed biss.

In oltre kif gie ritenut mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Joseph Thorne</u>**,[5]

> *mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.*

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta -mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Illi ghalhekk din il-Qorti trid tesamina x-xhieda u provi imressqa quddiem l-ewwel Qorti u dan sabiex tara jekk is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kienitx wahda '*safe and satisfactory*'.

---

5

L-**Ispettur Johann Fenech** xehed nhar it-3 ta' Dicembru 2012. Dan spjega li nhar it-2 ta' Lulju 2010 kien hemm xi membri tal-mobile fosthom PC 1256 u PC 337 fejn waqt li dawn kienu *on patrol* hdejn il-Mellieha raw vettura suspettuza bin-numru ta' registrazzjoni CBB 029 u hekk kif marru hemmhek hdejn dik il-vettura, ix-xufier li kien qieghed isuq ipprova isuq aktar 'l gewwa minnhom u baqa' diehel lejn l-imharbat ghall-Ahrax. Dan gie imwaqqaf u waqt li kienu hemmhekk innutaw lil xi hadd tefgha xi oggett barra mill-vettura min naha tal-passiggier. Fil-fatt dawna skoprew illi x-xufier tal-vettura kien l-imputat illum appellant li gharaf fl-awla u certu passiggier Piju Grech. It-tnejn kienu Ghawdxin. Huma ghamlu tfittxija u sabu kapsula bi trab ta' lewn skur li ssusspettaw li setghet kienet droga. Din giet prezentata u markata bhala dok JF. Din instabet ma l-art minn PC 1256 u PC 337 tal-Mobile Squad.

Dawn iz-zewg min nies ittiehdu d-depot u gew mitkelma minnu. Jghid li z-zewg min nies ghazlu li jitkelmu ma Avukat. Huwa ha l-istatment tal-appellant li gie esebit u markat bhala dok JF1. Jghid li l-appellant qallu li kellu l-vizzju tad-droga qawwija u li kien ilu zmien jiehu d-droga pero qal li fl-ahhar ftit snin kien *clean*. Qallu li kien ilu jaf lil Piju Grech ghal zmien twil u kienu ukoll ghamlu xi zmien il-habs flimkien. Qallu li kien mar Malta biex ikellem lill-avukat tieghu fuq xi kaz ta' traffikar ta' droga li kellu press li kien hemm xi hadd li kien ghamel xi dikajrazzjoni guramentata u semma lilu. Dan qallu l-vettura kienet ta' Piju u kien talbu isuq ghaliex kien ghajjien. Mistoqsi dwar il-kapsula jghid li ma kienitx tieghu u li ma kienx jaf x'fiha. Qal li qatt ma kien traffika fid-droga. Mistoqsi ghaliex kienu marru fl-imwarrab jghid ghaliex il-karozza kient sahnet u kellhom jitfghu xi ilma fit-tank. Wara kellem lil Piju Grech u l-istorja kienet daqxejn differenti minn dik li qallu l-appellant.

Dan qallu li ukoll kellu l-vizzju ta' droga u li kienet qawwija u li kien jiehu l-Eroina. Stqarr li dik li instabet barra l-vettura kienet tal-appellant. Qal li vera l-vettura

kienet tieghu pero kien talab lil siehbu isuq ghaliex kien jaf it-toroq ahjar minnu. Qallu li gieli xtara d-droga minghand l-appellant izda meta gie mistoqsi ghaz-zmien, ghazel li jibqa' sieket. Muri l-kapsula qal li kienet l-istess wahda li l-appellant kien rema mill-vettura tieghu. Qal ukoll li ma kienx minnu li kienu marru Malta biex ikelmu l-avukat tal-appellant izda li kienu marru Malta biex jixtru d-droga ghaliex dak iz-zmien id-droga Ghawdex kienet skarsa. Qallu li fil-fatt kienu waqfu bil-karozza u kien mar persuna b'dik l-istess kapsula u l-appellant tah mitt euro taghha. Qal li ma setghax jara min kienet din il-persuna ghaliex l-appellant qallu biex jibqa' mistohbi ghaliex inkella din il-persuna ma ttihx id-droga.

Spjega li in segwitu, Piju Grech ghamel dikjarazzjoni guramentata u kkonferma dak li kien qal lilu taht il-gurament quddiem il-Magistrat.

Ix-xhud esebixxa sentenza li inghatat fil-konfront tal-appellant li hija datata 12 ta' Dicembru, 2008 fl-ismijiet **il-pulizija vs Joseph Bajjada et** u din giet markata bhala dok JF2. In kontro-ezami jghid li l-appellant kien gja gie imressaq il-Qorti u akkuzat fuq ksur ta' bail u kien intab hati.

**Piju Grech** xehed nhar it-3 ta' Novembru 2012 u jghid li kien ilu jaf lill-appellant minn mindu kien zghir ghaliex huwa mix-Xaghra.  Qal li kellu l-vizzju tad-droga u li kien jiehu l-Ismack u l-Eroina. Qal li dakinhar li gie arrestat mal-appellant meta kienu l-Mellieha kienu fil-karozza tieghu. L-appellant kien ghaddielu kapsula meta gew l-pulizija tal-Mobile u dan qabad u remiha l-barra mit-tieqa. Qal li kienu telghu Malta bix jixtru karozza izda ma kienux iltaqghu mal-persuna. Mistoqsi kemm kien xtraha din il-kapsula jghid li kien nesa, izda jaf li kienet fuqu. Il-Qorti f'dan l-istadju qratlu dak li kien qal taht gurament fid-dikjarazzjoni tieghu nhar il-Hadd l-4 ta' Lulju 2010 quddiem il-Magistrat tal-Ghassa u kkonfermaha fl-intier taghha u jghid li kien qal il-verita kollha dak in-nhar.

In kontro-ezami jghid li kien il-habs ghaliex kien instab hati fuq ir-reat ta' serq. Qatt ma nstab hati fuq reati in konnessjoni ma droga. Jghid li l-habs ghamel sentejn u nofs. Jikkonferma li dak inhar meta kienu fil-vettura, l-appellant kellu xi haga f'idejh u ried jarmiha u qallu biex jiftah it-tieqa u tefaghha 'l barra.

Hawn hekk il-Qorti tghamel referenza ghal dak li qal nhar l-4 ta' Lulju 2010 taht gurament quddiem il-Magistrat ta' l-Ghassa u dan in konnessjoni ma din l-istess investigazzjoni. Piju Grech jghid li kien hareg mill-habs wara sentejn u nofs f'April tas-sena 2010. Qal li kien qieghed il-habs fuq kaz ta' serq izda waqt li kien hemm inqatatlu kawza ohra dwar pussess ta' droga. Jghid li minn meta hareg mill-habs din kienet l-ewwel darba li kien nizel Malta mal-appellant. Dak in-nhar jghid li l-appellant kien mar ifittxu u talbu xi flus ghaliex ma kellux bizzejjed u dan sabiex jixtri xi Smack. Qal li fil-fatt kien tah is-somma ta' tmenin (€80) euro. Qal li l-appellant issikkah u gie mifxul ghaliex huwa ried jinqeda u ma jafx jghid le. Qal li kien l-appellant li saq il-vettura tieghu Malta ghaliex ma jafx it-toroq sew. Jghid li meta waslu Malta marru Bugibba ghaliex kien cempel il-mobile ta' l-appellant u dan kellu jiltaqa' ma xi hadd hemmhekk. Dan kien gie b'karozza Pajero. Qal li kien l-appellant li cempel lil din il-persuna u wara cemplet din il-persuna u qaltlu li kienet waslet Bugibba. Jghid li huma waslu l-ewwel fuq il-post. Qal li hu baqa' fil-karozza xi hamsin pied boghod mill-Pajero. Tal-Pajero nizel u dar il-kantuniera u l-appellant mar hdejh. Wara rritorna u ra il-kapsola li kien xtara fil-karozza u telqu 'l hemm. Qal li meta irritorna lura qallu l-kelma '*inqdejt*'. Jghid li l-appellant kien cempel lil din il-persuna ghall-habta tas-6.30 a.m. Qal li kien gja sebah u nies fit-triq ma kienx hemm. Jikkonferma li hu ma rax id-deal isir ghax kienet fi triq differenti. Qal li urih il-kapsola izda zammha f'idejh u hija l-istess wahda li kien urih l-ispettur Johann Fenech waqt l-istqarrija li kien irrilaxxja. Wara waqfu l-Mellieha u hadu nifs kull wiehed. Jghid li l-appellant qabad u waqaf, kellu pakkett sigaretti, qalaghlu l-foil u farrak ftit minn dak li xtara u beda jahraq.

Mill-boghod ra lil tal-Mobile fejn hu qallu '*Joe Joe tal-moble*' u hu mfixel dahal fil-karozza jitrieghed qatalgha free, ic-cavetta ma setax idahhalha u qallu "*ha jillokjalek l-isteering*". Jghid li l-appellant tfixkel, thawwad u beda jitrieghed. Ghamel mod u dahhal ic-cavetta u saq b'velocita. Qal li l-appellant ma kienx jaf x'qed jghamel ghax tfixkel tant li ghadda minn maghhom u tal-Moble daru ghal warajhom. Qal li dak il-hin qallu x'kien ser jghamel bid-droga u dak qallu biex jarmiha u ramewha mit-tieqa u giet gor- roundabaout. Daru l-kantuniera u tal-Mobile daqqu s-sirena u waqfu. Dak tal-mobile staqsa lill-appellant ghaliex kien qieghed jitrieghed u qallu biex johrog mill-karozza. Wiehed minn tal-Mobile mar lejn ir-roundabout u gabar il-kapsola u staqsih jekk kienitx tieghu u qallu 'le' izda qallu li intremiet min naha ghall-ohra. Jghid li hu hareg mil-karozza u ma kienx qed jippanikja. Dak il-hin arrestawhom u haduhom l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra. Wiehed minnhom rikeb mieghu u saq hu taht id-direzzjoni tieghu u l-appellant rikeb fil-karozza tal-Mobile. Mistoqsi jekk kellux mobile fuqu dak in-nhar jghid li kellu izda kien bla credit u ghalhekk ma kienx uzah. Il-Magistrat dak il-hin pprova jcempel fuq dan il-mobile 2156222 u vera instab li kien *bla credit.* Ikkonferma li ma kienx hu li cempel ghad-droga, li ma kienx hu li ghamel id-deal u li ma kienx hu li hadu jghamel id-deal. Qal li hu bniedem mizzewweg u jghix bir-relief. Martu telqitu pero ghadu jara liz zewg uliedu u jiehu hsiebhom ukoll.

Mistoqsi jekk jafx li l-appellant ibiegh id-droga ighid li jaf u li ibieghha lil j*unkies* kollha. Qal li lilu qdieh xi tlett darbiet. Ma xtaqx isemmi min iktar jixtri droga minghandu. Qal li d-droga li kien xtara minn Malta kin ser ibiegh minnha Ghawdex. Qal li minn dak li xtara l-appellant kien ser imisu gramma li tiswa tmenin euro (€80). Qal li min meta hareg mil-habs xtara droga minghand l-appellant fi tlett okkazjonijiet u kull darba itih ghoxrin euro (€20) u jixtri gramma u juzaha dak il-hin stress. Qabel ma dahal il-habs kien jixtri droga minghand haddiehor. Jghid li huwa qatt ma gie *sick* u qatt ma kellu bzonn il-Methadone. Jghid li kien jixtri minghand certu Grezzju Spiteri li jkun ma wahda Sonia. Pero dan qabel

ma kien dahal il-habs. Kien jinqeda minghandu f'post mgharuf bhala tac-Cawla. Ikkonferma li dak kollu li qal dwar l-appellant kien veritier.

**Godwin Sammut** xehed nhar it-18 ta' Frar, 2013 u jghid li kien gie mahtur b'digriet tal-Qorti ta' nhar it-3 ta' Dicembru, 2012 biex jghamel analizi fuq sustanza esebita l-Qorti f'envelope. Jghid li irrizulta li din kienet Eroina l-piz tas-sustanza kien ta' 7.54 grammi u l-purita kienet ta' circa 27%. Ipprezenta r-rapport tieghu li gie markat bhala dok GS.[6]

**PC1256 Simon Schembri** xehed nhar it-13 ta' Mejju, 2013[7] u kkonferma illi meta kien stazzjonat fil-Mobile squad kien qed jghamel ronda il-Mellieha u kienu ghaddejjin ic-Cirkewwwa u indunaw li kien hemm karozza Fiat blu ipparkjata. Kif qarbu lejha din harbet u saqu ghal warajha. Din zidet fil-velocita taghha u lahquha. Ra xi haga hierga mit-tieqa tal-passiggier tipo ta' borza. Waqfu l-vettura hargu l-persuni mill-karozza u staqsewhom x'kienu remew. Dawn wiegbu li ma jafux. Dar il-kantuniera u gabar il-borza li kien fiha xi haga kannella. Mar fuqu u staqsih jekk kienx remahha hu. Dak il-hin l-passiggier qallu *'dik mhux jien armejtha'* allura wiegbu x-xufier? U wiegbu *'li kien ix-xufier li qallu biex jarmiha'.* Muri l-PIRS report jghid li kien ghamlu hu u kkonferma li l-vettura kellha n-numru CBD 029. Mistoqsi jekk jgharafx ix-xufier fl-awla jghid li le ghaliex kien ghadda wisq zmien. Qal li x-xufier kien jismu Joseph Bajjada u l-passiggier kien jismu Piju Grech. Dak il-hin arrestaw iz-zewg min nies u haduhom l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra u minn hemm tkomplew l-investigazzjonijiet. Qal li x-xufier kien imdahhal fiz-zmein b'xaghru abjad, irqiq u mhux twil.

**PS 337 Mark Mercieca** xehed u spjega li nhar it-2 ta' Lulju 2010 ghall-habta tat 07.45 a.m kien qed jghamel ronda ma PC 1256 fil-limiti tal-Ahrax tal-Mellieha kienu

---

[6] Fol. 40
[7] Fol. 50

ghaddejjin minn Triq l-Insib u raw vettura Fiat suspettuza. Appena ghaddew minn hdejha in-nies ta' go fiha gew ecitati u saqu lejn in-naha tal-Marfa b''velocita qawwija. Huma dawru l-vettura taghhom u saqu ghal warajhom. Jghid li PC 1256 innota li intremiet borza min naha tal-passiggier. Fuq in-naha tal-passiggier kien hemm certu Piju Grech u dan qallhom li ma kienx jaf b'din il-borza. Il-kollega tieghu mar jigbor il-borza li kien fiha sustanza kannella. Haduhom it-tnejn lejn l-ghassa tal-pulizija tal-Qawra.  Hemmhekk il-passiggier qal li kien hu li remiha min naha tal-passiggier u qal  ukoll li huma u jsuqu kmieni kienu iltaqghu ma xi hadd b'vettura sewda u l-istess xufier jigifieri Joseph Bajjada kien nizel ikelmu. Huwa gharaf ix-xufier tal-vettura Fiat fl-awla bhala l-imputat illum appellant.  Ghamlu *searches* fil-vettura izda ma sabu xejn iktar u anke fuq il-persuni ma kien hemm xejn illegali.  Flimkien dahlu ir-rapport taghhom.

**PS 419 Anton Buttigieg** xehed u spjega li nhar it-2 ta' Lulju 2010 ghall-habta tat-8.00a.m kien gie infurmat mill-pulizija PC 1257 u PC 337 illi kienu waqfu vettura gewwa l-Ahrax tal-Mellieha minhabba li kienu dehru xi nies suspettuzi fiha. Waqfuha ukoll minhabba li meta kienu qed jiffolowjawhom wiehed mill-passiggieri qabad u rema borza mit-tieqa fejn din il-borza kienet suspettata li kien fiha d-droga go fiha. Huwa infurmhom biex jarrestahom u igibuhom l-ghassa tal-Qawra.

Din il-vettura kienet tal-ghamla Fiat ta' lewn blu car bin-numru ta' registrazzjoni CBD 027 li kienet qed tigi misjuqa minn Joseph Bajjada waqt li l-passiggier kien certu Piju Grech. Dawn iz-zewg persuni regghu gew infurmati bl-arrest taghhom. Inghataw id-drittijiet taghhom kif ukoll id-dritt li ikelmu Avukat fejn iz-zewg suspettati kelmu lill-avukati taghhom. Minn hemm infurma lill-Ispetturi b'dan l-arrest u s-sur Johann Fenech ordnalu biex nizzilhom il-*lock up* ghal aktar stharrig. Huwa pprezenta kopja tar-rapport li huwa hejja li gie markat bhala dok AB.Fol. 55.

**PC 642 Joseph Camilleri** xehed nhar it-3 ta' Novembru, 2012 u jghid li fit-2 ta' Lulju, 2010 kien xhud ta' l-istqarrija li rrilaxja l-appellant u dan wara li inghata is-solita twissija u wara li kien tkellem mal-avukat tieghu.

Nhar l-20 ta' Jannar 2014 il-prosekuzzjoni iddikjarat li ma kellhiex provi ohra xi tressaq[8].

Rat li fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2016 id-difiza ddikjarat li ma kellhiex xhieda ohra xi tressaq u li ghalhekk l-appellant kif kellu kull dritt ghazel li ma jixhedx. Dan minkejja l-appellant kien irrilaxxja stqarrija li tifforma parti mill-process u ghalhekk din il-Qorti trid taghti attenzjoni ukoll ghal dak li stqarr fiha.

L-**appellant Joseph Bajjada** irrilaxxja stqarrija nhar it-3 ta' Lulju, 2010 u din tinsab esebita a fol. 19 markata bhala dok JF1. F'din l-istqarrija jghid li ma jahdimx u jghix bl-ghajnuna socjali. Fil-fat jghid li jircievi is-somma ta' €300 mensilment. Huwa mgharuf bil-laqam 'lezliez'. Jikkonferma li ghandu vettura Toyota Corola li kienet mizmuma ghand il-pulizija ta' Ghawdex u Mitsubishi u Suzuki wieqfa. Jghid li kellu l-vizzju tad-droga izda kien waqaf ghal snin. Kien jiehu id-droga l-Eroina. Mistoqsi jekk jafx lil xi hadd Piju Grech jghid li jafu u li fil-fatt kien ghamel xi zmien mieghu il-habs. Qal li dak iz-zmien kien qed jgawdi mill-liberta provisorja u li kien hemm xi hadd li ghamel dikjarazzjoni guramentata u qal li kien bieghlu d-droga. Jghid li kien minnu li kien gie arrestat meta kien fil-kumpanija ta' Piju Grech lejliet mill-Mellieha. Mistoqsi jekk kienx minnu li kien hemm borza trasparenti li twadbet mill-vettura min naha tal-passiggier, ghazel li ma jwegibx. Pero jichad li kienu jaf b'xi kapsula ta' droga jew li kien wadabha hu. Jghid li l-vettura Fiat li kien biha ma hiex tieghu izda kien qed isuqha hu fuq talba ta' Piju Grech stress. Jghid li

---

[8] Fol. 65
Illi nhar it-13 ta' Ottubru 2014 din il-kawza giet assenajta lil Magistrat iehor u l-partijiet iddikjaraw li kienu qed jezentaw lil Qorti mill-htiega li terga tressaq il-provi gja mismugha quddiem l-istess Qorti diversament preseduta

kien gie Malta biex ikellem lil Dr. Stephen Tonna Lowell fuq il-kaz li kellu Ghawdex. Mistoqsi jekk l-avukat kienx jaf bih jghid li ma jafx. Jikkonferma li Piju Grech ma kellu x'jaqsam xejn mal-kawza li kellu Ghawdex. Cahad dak li gie allegat fil-konfront tieghu li ibiegh il-pakketti tal-Eroina ghall-prezz ta' €10 'l wiehed. Jichad li ibiegh id-droga.

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2014 fejn dehru l-partijiet u ezentaw lil Qorti milli terga tibda tisma x-xhieda mill-gdid minkejja li inbidlet il-Magistrat sedenti.

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni maghmula quddiem l-ewwel Qorti nhar it-8 ta' Lulju 2016[9].

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza il-Qorti hija rinfaccjata b'xhieda ta' komplici u cioe x-xhieda ta' Piju Grech. Fejn dan stqarr taht gurament li kien xtara id-droga minghand l-appellant fi tlett okkazzjonijiet fix-xhur ta' wara li hareg mill-habs u cioe wara April 2010 u qabel l-arrest tieghu u ghalhekk qabel it-2 ta' Lulju 2010. Qal li kien icempel lill-appellant u jiltaqa' mieghu fil-pjazza tax-Xaghra u kien itih f'kull okkazjoni ghoxrin euro (€20) u l-appellant itih gramma u jahraqha dak il-hin stess. Qal li kien jixtri d-droga minghand haddiehor f'okkazzjonjijiet precedenti u cioe qabel ma dahal il-habs. Spjega kif ukoll dakinhar tat-2 ta' Lulju, 2010 kien akkompanja lill-appellant Malta biex jixtri d-droga kien tah is-somma ta' €80 u li wara li l-appellant xtara d-droga kienu marru u hadu nifs il-Mellieha flimkien meta ftit wara inqabdu mill-pulizija tal-Mobile. Jghid li gharaf id-droga li gie muri mill-ispettur Johann Fenech bhala dik id-droga li kien xtara l-appellant dakinhar stess minn wiehed li kien qieghed Bugibba b'xi Pajero.

[9] Fol. 76 ta l-atti

Ma hemmx dubbju li d-droga li ngabret mit-triq u li kien rema Piju Grech kienet droga kif dekritta mill-espert Godwin Sammut u kienet tikkonsisti fid-droga Eroina u li kellha purita ta' 27% u piz ta' 7.54 grammi.

Illi l-lanjanza ewlenija imqanqla mill-appellanti tikkoncerna l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti u dan meta fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi, hija ghazlet li taghti affidabilita' lil-verzjoni moghtija mill-komplici Piju Grech sabiex sabet htija fl-appellanti. Jishaq l-appellanti illi din ix-xhieda kienet tikkostitwixxi l-uniku prova li l-Prosekuzzjoni ressqet li kienet tipponta subajghha lejn l-appellanti u kwindi l-Ewwel Qorti meta ghaddiet biex strahet fuq dina l-uniku prova meta wasslet ghad-decizjoni taghhha ma osservatx id-dettami stabbiliti fil-ligi fl-artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali.

Issa gie kostantement ritenut u imfisser ukoll aktar il'fuq illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u li dan ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali li jikkonvincu l-Qorti ta' revizjoni li l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti kien tant zbaljat li altrimenti tkun ser tigi kkrejata ingustizzja.

Illi f'dan il-kaz giet ipprezentata stampa fejn l-uniku xhud li jimplika lill-appellanti f'dan l-event kriminuz u cioe' Piu Grech, kien komplici fil-kummissjoni tar-reati addebitati lill-appellanti, fejn il-kaz tieghu ghadda in gudikat. Illi allura meta ma ikunx hemm prova ohra la diretta u lanqas cirkostanzjali li jistghu jitfghu xi dawl fuq l-akkadut, ghandhom rwol rizoluttiv il-kredibilta' u l-attendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibbilita u attendibilita f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha "u kien ghalhekk li inghad mill-Qrati Inglizi, segwiti anke mill-qrati taghna illi '*great weight should be attached to the finding of fact which the judge*

*of first instance has arrived'*, appuntu ghaliex *'he has had the opportunity of testing their credit by their demeanour under examination.*[10]*'"*.

Illi inoltre, bhal kif gara f'dan il-kaz partikolari mill-Ewwel Qorti, "*biex tezamina l-kredibbilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettalji - ezami li ghandu jsir dejjem, imma li jakkwista importanza akbar meta hemm biss zewg xhieda, wahda tghid abjad u l-ohra tghid iswed. U fost il-kriterji tal-kredibbilita' hemm dak tad-deportament tax-xhud fl-isbarra tax-xhieda, u dak tal-konsistenza tax-xhieda mal-materjal l-iehor li jkollha quddiemha l-Qorti.*"

Issa huwa minnu illi meta xehed Grech, dan xehed quddiem gudikant iehor, u allura l-ezami tad-deportament tax-xhud ma setax isir, izda sewwa mxiet il-gudikant in prim'istanza meta ghamlet ezami ta' diversi cirkostanzi li fil-fehma taghha kienu jivvulneraw x-xhieda tal-imputat meta imqabbla mad-dettalji moghtija minn Grech u l-provi l-ohra li sahhew id-deposizzjoni tieghu. In oltre jinghad li kien l-istess appellant li ezenta lil Qorti mill-htiega li terga tisma x-xhieda mill-gdid. Issa maghdud dan, madanakollu, Grech ma kienx xhud kwalunkwe, fis-sens illi l-Ewwel Qorti, meta tigi biex tqis ix-xhieda tieghu kellha timxi b'kawtela kbira billi dan kien komplici fil-kummissjoni ta' dan ir-reat ta' droga mertu tal-kaz u li dwaru l-appellanti qed jiffaccja l-akkuzi odjerni.

Illi permezz ta' l-introduzzjoni tas-sub-inciz 3 ghall-artikolu 639 permezz ta' l-Att XVI tal-2006, ma hemmx aktar il-htiega illi x-xhieda tal-komplici tkun korroborata izda wahedha hija bizzejjed diment illi min hu imsejjah biex jiggudika jimxi b'kawtela kbira qabel ma jigi biex jistrieh fuqha sabiex isejjes sejbien ta' htija. Dan ghaliex:

---

[10] Il-Pulizija (Spettur Sandra Zammit) vs. Emanuel Abela, deciza nhar it-13 ta' Ottubru, 2014, numru 866/2011

*"Din hija xhieda permessa bil-ligi, u sta ghall-Qorti li qed tisma' l-kaz li tqis din ix-xhieda fil-kuntest tal-kaz li tkun qed tittratta. Din il-Qorti ma tarax li, bil-fatt biss, li xhieda ta' komplici hija permessa qed jinkiser id-dritt tal-akkuzat ghal smiegh xieraq. Komplici hija persuna li tista' titressaq bhala xhud bhal kull persuna ohra, basta, ovvjament, li l-akkuzat ikollu l-istess possibilita' ta' kontroll jew kontestazzjoni tal-persuna, kif ghandu f'kaz ta' kwalunkwe xhud iehor. Il-ligi trid, fl-artikolu 639(3), li jekk il-kaz kontra akkuzat tkun bazata biss fuq xhieda ta' komplici, min ikun irid jiddeciedi fuq il-htija, iqis dik ix-xhieda b'certa kawtela …. Ma jistax, pero', jinghad li xhieda ta' komplici hija, a priori, mhux permessibbli. Dik hija testimonjanza ta' persuna li, minhabba l-istat taghha ta' komplici, tkun, forsi, taf l-aktar fuq il-kaz, u ma ghandhiex tigi eskluza minhabba f'hekk. Il-principju ta' "equality of arms", ma jkunx gie mittiefes bil-fatt li tali xhieda tkun permessibbli, ghax dan ix-xhud huwa suggett ghall-iskrutinju miz-zewg nahat kif isir fil-kaz ta' kull xhud iehor. Il-kaz li x-xhieda ta' komplici tista' tkun "tainted" minhabba varji cirkostanzi, tista' tinghad fil-konfront ta' kull xhud, u l-Qorti li quddiemha jkun ghaddej il-kaz, hija zgur kompetenti biex tevalwa x-xhieda, tqis l-affidabilita' tax-xhud, u tikkunsidra dik il-prova fid-dawl tal-provi l-ohra tal-kaz[11]."*

Illi fit-termini tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' fil-kawzi dwar id-drogi, il-legislatur holoq ghodda gdida f'idejn l-investigatur sabiex ikun jista' jikseb prova li altrimenti hija inammissibbli fil-konfront tal-ko-akkuzat. Illi l-artikolu 30 tal-Kapitolu 101 jipprovdi espressament illi:

*"Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali meta persuna tkun xtrat jew xort'oħra kisbet jew akkwistat mediċina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ix-xiehda ta' dik il-*

[11] Qorti Civili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonal) – Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa) vs Patrick Spiteri deciza 25/05/2012 (ref.66/2011

*persuna fi proċedimenti kontra l-persuna li mingħandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-mediċina, m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħra."*

Isegwi imbaghad l-artikolu 30A li jiddisponi illi:

> *"Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il- persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi."*

Mela allura l-ligi tad-droga tistabbilixxi r-regola illi x-xhieda ta' persuna li tkun xtrat id-droga minn ghand persuna ohra wahedha hija sufficjenti u m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata minn cirkostanzi ohra ta' fatt. Inoltre jekk persuna tkun offriet stqarrija ikkonfermata bil-gurament quddiem magistrat, din ghalkemm moghtija qabel ma ikun inbeda il-process penali fil-konfront tal-persuna akkuzata (fl-hekk imsejjah pre-trial stage), hija prova valida kif in effetti gara fil-kaz odjern. Il-gurisprudenza, izda ziedet ma din ir-regola l-htiega illi il-persuna li tkun offriet tali stqarrija guramentata tingieb il-Qorti sabiex tixhed u dan sabiex id-difiza ikollha kontroll fuq dik il-prova mahluqa bil-ligi.

Dan ukoll in linja mal-garanziji kostituzzjonali li jinsabu fil-qafas ta' kull process penali. Kwindi "… *bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat'*.[12]

F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza **Kostovski v. Netherlands** (20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu:-

> *'does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings*[13]"

Dan iwarrab ghalhekk kull dubbju dwar il-validita o meno ta' dak dikjarat mix-xhud kemm fix-xhieda guramentata tieghu kif ukoll fix-xhieda moghtija minnu fil-Qorti u dan ghaliex jidher illi meta xehed huwa kien qed jifhem dak li kien qieghed jistqarr. Illi ghalkemm huwa minnu illi meta ix-xhud Piju Grech jixhed quddiem l-Ewwel Qorti huwa ghall-ewwel jistqarr illi ma jafx minn fejn l-appellant kien xtara d-droga misjuba fil-vettura u mormija mit-tieqa, huwa madanakollu bil-wisq evidenti illi hawn ix-xhud mhux qed jghid il-verita'.

[12] Appell Nru: 258/2014 Il-Pulizja Spettur Dennis Theuma Vs Malcolm Paul Bugeja 30 ta' Gunju, 2016
[13] l-Pulizija vs Pierre Gravina – deciza 26/05/2003

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-26 ta' Marzu 2009 fil-kawza l-ismijiet **il-Pulizija vs Massimo Caruana** inghad hekk dwar id-disposizzjoni ta'l-artikolu 30A:

> *"Illi dina id-disposizzjoni li ddahhlet ghall-ewwel darba fl-Ordinanza Kap.101 bl-Att XI tal-1994 kellha proprju l-ghan li tovvja ghal sitwazzjonijiet bhal dawn fejn xhieda ghall-motivi varji li jista' jkollhom, ibiddlu l-verzjoni taghhom bejn l-istqarrijiet li jkunu ghamlu a tempo vergine u x-xhieda taghhom sussegwenti meta jigu prodotti bhala xhieda fil-processi kontra s-suppliers tad-droga. X'ikunu dawn il-motivi wiehed ma jridx jithabat wisq biex jifhem."*

Illi allura meta Grech jitla' jixhed fil-Qorti huwa ma jkunx car daqs kemm kien fl-istqarrija guramentata tieghu bl-iskuza illi huwa kien nesa hija biss skuza. Illi meta x-xhud ghall-ewwel jigi wicc'imb wicc mal-appellanti jkun nesa id-dettalji tal-kaz, u dan wara id-dettalji li ta dwar l-istess appellant fl-istqarrija guramentata tieghu. Izda meta tinqara lilu l-istqarrija li kien irrilaxxja a tempo vergine jiftakar illi hu kien flimkien mal-appellanti meta huwa mar jakkwista d-droga minn ghand terz gewwa Bugibba u anke jgharraf lill-appellant bhala x-xufier fl-awla. Illi di piu jikkonferma illi huwa kien irrilaxxja l-istqarrija guramentata li hemm fl-atti, izda ukoll fuq mistoqsija tal-Ewwel Qorti, kuntrarjament ghal dak li jikkontendi l-appellanti, jikkonferma l-kontenut taghha[14]. Illi ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju illi dak mistqarr minn Piju Grech fl-istqarrija guramentata tieghu, kif sussegwentment ikkonfermata fil-Qorti, ghandha mis-sewwa u ser tistrieh fuqha. Ghaldaqstant tirrizulta r-reita ghall-ewwel u t-tieni imputazzjoni.

---

[14] Fol. 31 tal-atti . fol 6 mix-xhieda tieghu

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta din il-Qorti ma tistax tinjora diversi fatturi li kollha kemm huma ghandhom jigu riflessi fil-quantum ta' l-imsemmija piena.

1. Il-fatt li dan il-kaz sehh fis-sena 2010 minkejja li gie deiz mill-ewwel Qorti fit-28 ta' Frar 2018.
2. Il-fatt li din il-Qorti giet konvertita fi Qorti ta' Droga wara li semghet diversi xhieda jixhdu dwar l-antecedenti tal-appellant u l-vizzju mishut li kellu fuq abbuz ta' droga nhar it-30 ta' Jannar 2020.
3. Il-fatt li l-Bord ta Rijabilitazzjoni kien baghat ir-rapport tieghu fl-10 ta' Mejju 2022 fejn stqarr li l-appellant kien temm b'success il-*care plan* li kellu imfassla ghalih mill-Bord u li l-Bord jinsab sodisfatt bir-rijabilitazzjoni tieghu.
4. Il-fatt li l-appellant ghandu 68 sena u donnu tgharaf jghix il'boghod mit-tehid ta' droga.
5. Il-fatt li pendenti dawn il-proceduri ma fetahx kazijiet godda izda kellu kazijiet antiki li gew decizi pero li jirreferu ghal zmien antecidenti ghal kaz odjern.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-htija, tirriforma l-piena inflitta u tikkundanna lill-appellanti ghall-perijodu ta' prigunerija u cioe ta' erbgha u ghoxrin xahar (24) pero' qeghda ghar-ragunijiet appena imsemmija tissospendi dan it-terminu bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-perijodu ta' erba' (4) snin millum.

Qeghda pero' tikkonferma l-multa inflitta ta' elf u mitejn euro (€1,200) liema somma tista tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' €50 pero' f'kaz li jonqos li jghamel pagament wiehed il-bilanc jigi konvertit fi zmien ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita u markata bhala dok JF hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita tigi distrutti a kura ta' Godwin Sammut u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

(Ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur